ĦAL QORMI
Citta' Pinto

**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI TA' ĦAL QORMI (Città Pinto) IS-SEBA' KUNSILL**

**MINUTI SEDUTA NRU. 37 IT-TNEJN, 4 TA' DIĊEMBRU 2017**

Il-Kunsill Lokali Ħal Qormi ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu,li jinsab fl-indirizz 392, Triq il-Vitorja, Ħal Qormi, nhar it-Tnejn, 4 ta' Diċembru 2017 fis-6.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI (Ħdax Kunsilliera)**

Jesmond Aquilina – Sindku
Bjorn Azzopardi – Viċi Sindku
Ralph Puli – Kunsillier
Renald Falzon – Kunsillier
Josef Aquilina – Kunsillier
Martina Brancaleone - Kunsillier
Marvin Zammit – Kunsillier
Antoine Saliba Haig – Kunsillier
Daniel Bugeja - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Jerome Caruana Cilia - Kunsillier
Robert Reno Cremona – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Kenneth Brincat – Segretarju Eżekuttiv

**MINUTI**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** ippresjeda il-laqgħa.

Is-Sindku beda billi qal it-talba u infurma lill-Kunsill li din is-seduta kienet qegħda tiġi *streamed live* fuq il-websajt www.lc.gov.mt.

**37/01 QARI TA' ITTRI TA' APOLOĠIJI**

**37/01/01** **Is-Segretarju Eżekuttiv** qara l-ittri ta' apoloġija tal-Kunsillier Jerome Caruana Cilia u tal-Kunsillier Robert Cremona tal-Kunsillier Jerome Caruana Cilia li ma setgħux jattendu l-laqgħa minħabba xogħol. Il-Kunsill qabel unanimament li l-assenza kienet għal raġuni ġustifikata u għaldaqstant m'għandux jsir nuqqas fl-*allowance*.

**37/02 KONSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAS-SEDUTA NRU. 36**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill il-Minuti tas-Seduta Nru. 36 li nżammet nhar it-Tnejn 6 ta' Novembru 2017, minuti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija.

**Il-Viċi Sindku Bjorn Azzopardi issekonda l-mozzjoni għall-approvazzjoni tal-minuti.**

**Ivvutaw Favur Disa'** Kunsilliera (09) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda Astensjoni.

**Il-Minuti tas-Seduta Numru 36 ġew approvati** u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

**37/03 KOMUNIKAZZJONIJIET MIS-SINDKU**

**37/03/01** **Is-Sindku Jesmond Aquilina** infurma lill-Kunsill li wara li ġejna nfurmati li l-art li hemm wara l-piċċ tal-Hockey se tingħata lil Malta Scouts Association il-Kunsill Lokali talab laqgħa lis-Segretarju Parlamentari Dr Clifton Grima. Din il-laqgħa se ssir fil-15 ta' Diċembru fejn il-Kunsill se jkun qed jinfurma lill-Ministru li bħala Kunsill kien diġa wera interess f'din l-art u dan peress li hemm diversi għaqdiet lokali li huma interessati li jieħdu biċċa minn din l-art.

**37/03/02** **Is-Sindku Jesmond Aquilina** ppropona biex il-laqgħa tal-lokalita ssir nhar it-Tnejn 8 ta' Jannar fis-7.30pm. Il-Kunsill qabel unanimament.

**37/03/03** **Is-Sindku Jesmond Aquilina** infurma lill-Kunsill li saret laqgħa ma' Transport Malta wara li twaħħlu tabelli ta' no-entry fi Triq l-Iljun, fejn ġie deċiż biex dawn it-tabelli jitneħħew sakemm issir konsultazzjoni mal-Kunsill. Il-Kunsill

qabel unanimament li din it-triq għandha tibqa’ kif inhi, jiġifieri two-way filwaqt li l-Kunsill mhuwiex kontra li jsiru traffic lights biex it-trasport pubbliku jkun jista’ joħroġ għal Triq l-Iljun.

**37/03/04** **Is-Sindku Jesmond Aquilina** ressaq korrispondenza mill-Ghaqda Armar San Sebastjan bi proposta biex il-pjazza ta’ quddiem il-Knisja z-Zghira ta’ San Sebastjan, tissemma Pjazza San Sebastjan. Il-Kunsill qabel unanimament li jressaq it-talba quddiem il-Kumitat għat-Tismija tat-Toroq.

**37/03/05** **Is-Sindku Jesmond Aquilina** ressaq korrispondenza mill-Għaqda Armar San Sebastjan dwar ċaqliq ta’ gabbani fil-festa ta’ San Sebastjan. Il-Kunsill qabel unanimament mal-proposta fejn se jkun ukoll iressaq il-gabbani minn ġenb wieħed tal-parti tat-triq li tinsab bejn Vjal De La Cruz u Triq Manwel Dimech. Dawn il-gabbani għandhom jarmaw minflok fi Triq Vjal De La Cruz man-naħa tal-ġnien.

**DOK A1**

**37/03/06** **Is-Sindku Jesmond Aquilina** ħabbar li l-Kunsill Lokali Ħal Qormi għadu kif rebaħ il-premju li huwa l-aktar Kunsill Lokali li ġabar ħwejjeġ għar-riċiklar matul is-sena 2017.

**36/03/07** **Is-Sindku Jesmond Aquilina** ressaq korrispondenza dwar il-miżura 4.3, fejn il-Kunsill ġie infurmat li Triq Ġorġ Mifsud Chircop, Trejqa tal-Ħlas u Sqaq tal-Qasba mhumiex eliġibbli. **DOK A2**

**36/03/08** **Is-Sindku Jesmond Aquilina** informa lill-Kunsill li x-xogħol li sar fi Triq il-Kbira kantuniera ma’ Triq Ġorġ Borg, sar minħabba li daħal ħafna ilma minn taħt il-bankina fid-dar. Dan ix-xogħol sar fuq parir tal-perit tal-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv wera filmat tal-ilma li kien qed jidħol f’din il-proprjeta privata.

.

**37/04** **RAPPORTI**

**37/04/01** **RAPPORT TAL-AĠĠUDIKAZZJONI TAL-OFFERTA GĦAL SERVIZZ TA’ PERIT TAL-KUNSILL**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** stieden lis-Segretarju Eżekuttiv jressaq ir-Rapport tal-Aġġudikazzjoni tal-offerta għal servizz ta’ Perit tal-Kunsill

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** ressaq mozzjoni biex il-Kunsill Lokali Ħal Qormi jimxi mar-rakkomandazzjoni tal-Bord tal-Aġġudikazzjoni .

**Il-Viċi-Sindku Bjorn Azzopardi** issekonda.

**Ivvutaw Favur Disa'** Kunsillier (09) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda Astensjoni.

**Il-mozzjoni ġiet approvata unanimament. Ir-rakkomandazzjoni tal-Bord tal-Aġġudikazzjoni hija approvata.**

**37/04/02 APPROVAZZJONI TAL-ABBOZZ TAD-DOKUMENT TAL-OFFERTA GĦALL-ĠBIR TA' SKART IMĦALLAT**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** stieden lis-Segretarju Eżekuttiv jressaq l-abbozz tad-dokument tal-Offerta għall-Ġbir ta' Skart Imħallat. Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq dan l-abbozz.

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** ressaq mozzjoni għall-approvazzjoni ta' dan l-abbozz u l-Kunsill joħroġ is-sejħa b'dan id-dokument tal-offerta.

**Il-Viċi Sindku Bjorn Azzopardi** issekonda.

**Ivvutaw Favur Disa'** Kunsilliera (09) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda Astensjoni.

**Il-mozzjoni ġiet approvata unanimament. L-abbozz bid-dokument tal-offerta għall-ġbir ta' Skart Imħallat huwa approvat.**

**37/05 RAPPORTI KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAR-RAPPORT TAL-LAQGĦAT TA' KUMITATI U/JEW SOTTO KUMITATI**

**37/05/01** **Is-Sindku Jesmond Aquilina** stieden lill-kunsilliera biex permezz ta' din il-materja, l-Kunsilliera jressqu rapporti u kummenti dwar il-ħidma tagħhom.

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** semma li fil-ġranet li ġejjin se jiġi ffurmat Kumitat Organizzattiv għall-attivitajiet ta' Jum Ħal Qormi. F'każ li hemm Kunsilliera li jixtiequ jagħmlu parti minnu għandhom jinfurmawh.

**Il-Kunsillier Renald Falzon** ġibed l-attenzjoni biex il-Kunsill jevalwa ftit it-traffic management li hemm fi Triq Ġuze Duca fil-parti li toħroġ għal Triq l-Imdina. Il-Kunsill se jqabbad lill-perit tal-Kunsill sabiex jressaq proposta għall-approvazzjoni tal-Kunsill qabel ma titressaq lil Transport Malta.

**Il-Kunsillier Jerome Caruana Cilia** ġibed l-attenzjoni dwar il-bżonn li ssir pressjoni ma' Transport Malta biex isiru l-*Pelican Lights* fi Triq Manwel Dimech malajr kemm jista' jkun.

**Il-Kunsilliera Martina Brancaleone** infurmat lill-Kunsill li se tkun qed torganizza attivitajiet dwar is-saħħa fis-sena 2018 ukoll.

**37/06 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-PAGAMENTI GĦAX-XAHAR TA' NOVEMBRU 2017**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista ta' pagamenti għax-xahar ta' Novembru 2017, dokumenti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija u wara ppropona l-approvazzjoni tal-pagamenti.

**DOK 'B1-3'**

**a)** Pagamenti li għad iridu jsiru għax-xahar ta' Novembru 2017
**b)** *Bank Payments* Novembru 2017
**c)** *Petty Cash* Novembru 2017

Saret spjega tal-pagamenti mressqa u wara s-Sindku ppropona l-approvazzjoni tal-pagamenti kollha.

**Il-Kunsillier Antoine Saliba Haig** issekonda.

**Ivvutaw Favur Disa'** Kunsilliera (09) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva** l-pagamenti kollha.

**37/08 MOZZJONIJIET**

**37/08/01 MOZZJONI 65/2017 (VII)**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** ressaq din il-mozzjoni għad-diskussjoni:

*Nipproponi biex il-Kunsill Lokali jibda l-proċess ħalli jkun jista' jixtri garaxx li minnu jkunu jistgħu jaħdmu l-ħaddiema tal-Kunsill*

*Peress li x-xogħol tal-Kunsill tant żdied li l-kmamar mad-dawra tat-teatru Grieg fi Ġnien De La Cruz mhuwiex adegwat;*
*Peress li fl-istess post qed jiġi żviluppat Presepju li se tkun esibizzjoni permanenti;*

*Peress li l-ħaddiema ma jistgħux jaħdmu f'ambjent li jistħoqqilhom;*

*Għaldaqstant, nipproponi li l-Kunsill joħroġ is-sejħiet neċessarji biex ikun jista' jixtri garaxx fil-lokalita' u jitlob self minn bank lokali liema somma ta' pagamenti tkun mifruxa fuq massimu ta' tmien snin.*

**DOK 'C1'**

**Il-Kunsillier Josef Aquilina** ssekonda din il-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur Disa'** Kunsilliera (09) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva** l-mozzjoni 65/2017. Is-Segretarju Eżekuttiv se jkun qed jitlob direzzjoni lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar liema tip ta' proċedura għall-akkwist trid tiġi segwita.

**37/08/02 MOZZJONI 66/2017 (VII)**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina stieden lill-Kunsillier Josef Aquilina** iressaq din il-mozzjoni għad-diskussjoni:

*Nipproponi biex il-Kunsill Lokali jbiddel is-sistema preċenti tad-dawl ta' ħdejn l-istatwa ta' San Ġorġ fi Triq il-Helsien*

*Peress li s-sistema preżenti qed ikollha ħsarat ta' sikwit;*

*Peress li s-sistema preżenti mhiex toffri sigurta' lill-ħaddiema tal-kuntrattur waqt li jsir ix-xogħol fil-ħamrija*

*Għaldaqstant, nipproponi li l-Kunsill jagħmel ix-xogħol neċessarju biex tinbidel is-sistema tad-dawl u jitressqu r-rifletturi mill-ħamrija għall-post aktar sigur u addattat mingħajr ma jtellef is-sbuħija tal-istatwa.*

**DOK 'C2'**

**Il-Kunsillier Bjorn Azzopardi** ssekonda din il-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur Disa'** Kunsilliera (09) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva** l-mozzjoni 66/2017.

**37/08/03 MOZZJONI 67/2017 (VII)**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** ressaq din il-mozzjoni għad-diskussjoni:

*Nipproponi biex il-Kunsill Lokali jibda l-proċess biex jintroduċi Bye Laws dwar Kontroll tal-Ħamiem kif hemm f'lokalita' oħra u dan*

*Peress li fil-lokalita' hemm postijiet li hemm problemi ta' ħamiem selvaġġ*

*Liema bye-laws jipprojbixxu milli jsir tmiegħ lill-ħamiem u għaldaqstant jbiegħed il-mard kif ukoll il-ħmieġ li jikkrejaw dawn il-ħamiem.*

**DOK 'C3'**

**Il-Kunsillier Bjorn Azzopardi** ssekonda din il-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur Disa'** Kunsilliera (09) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva** l-mozzjoni 67/2017.

**37/08/04 MOZZJONI 68/2017 (VII)**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina stieden lill-Kunsillier Marvin Zammit** iressaq din il-mozzjoni għad-diskussjoni:

Peress li l-Kunsill jaghti importanza lil qasam soċjali, fuq talba ta' numru ta' residenti qed nipproponi sabiex jitwaħlu zewġ bankijiet fi triq il-Mejjilla, viċin il-mafkar tal-vittmi tal-logħob tan-nar.

Dan sabiex niprovdu lin-nies tal-inħawi, speċjalment anzjani, post fejn jiltaqgħu jgħidu kelma u jissoċjalizzaw speċjalment fis-sajf.

**DOK 'C4'**

**Il-Kunsillier Ralph Puli** ssekonda din il-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur Disa'** Kunsilliera (09) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva** l-mozzjoni 68/2017.

**37/09 AĠĠORNAMENT**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina aġġorna il-laqgħa.**

Kien maqbul li l-laqgħa li jmiss tinżamm nhar it-Tnejn 8 ta' Jannar 2017 fis-6.30 ta' filgħaxija.

Il-laqgħa ntemmet fit-7:55 ta' filgħaxija.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATI** | **IFFIRMATI** |
| Jesmond Aquilina | Kenneth Brincat |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

**Minuti kkonfermati llum 8 ta' Jannar 2018.**